MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 2/2006

**Joseph Debono ID 337162M u martu Rita**

**vs**

**Uskin Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Dicembru 2005, fejn intalbet ir-rifuzjoni tal-prezz imhallas ta' bieb ta' barra tad-dar Redentur, Vjal ix-Xarolla, Zurrieq peress li mhux tal-kwalita` pattwita.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta pprezentata nhar it-13 ta' Marzu 2006 li permezz taghha eccepiet illi (1) l-konvenuti ikkonsenjaw il-bieb tal-*garage* skond kif ordnat u indikat fil-fattura li l-attur kellu f'idu tmien xhur qabel il-konsenja, (2) illi l-bieb tal-*garage* konsenjat kien maghmul u mwahhal skond l-arti u s-sengha u kien ukoll tal-kwalita`

pattwita, (3) illi l-attur kien kuntent bil-bieb u bix-xoghol maghmul – beda biss jitlob rifuzjoni ta' parti mill-prezz meta qal li kien ra l-istess tip ta' bieb ghand haddiehor bi prezz iktar baxx (4) illi l-attur fadallu jhallas Lm144.00 fuq il-prezz miftiehem. Dan jirraprezenta Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovut fuq il-bieb.

Ra l-**kontro-talba** tas-socjeta` konvenuta li biha ipprezentaw fattura immarkata Dok U1. Inoltre`, peress li dan il-bieb twahhal u ghadu ghand l-atturi sal-lum, u peress ukoll li l-atturi fadlilhom ihallsu mija erbgha u erbghin Lira Maltin (Lm144) fuq il-prezz miftiehem, fuq l-istess bieb (rapprezentanti Taxxa fuq il-Valur Mizjud), is-socjeta` attrici qed tghid lill-attur ghaliex m'ghandux dan it-Tribunal jordnalu jhallas lill-konvenuti l-ammont ta' mija erbgha u erbghin lira Maltin (Lm144).

Ra l-affidavit tal-attur **Joseph Debono** fejn ikkonferma illi l-konvenut kien dam sabiex lesta x-xoghol fuq il-bieb in kwistjoni, u l-prodott finali kien gie mfassal sitt (6) pulzieri iqsar milli fil-fatt kellu jsir, bil-konsegwenza illi ma setghax jidhol bit-trakk mghobbi gol-*garage.* Illi inoltre, l-attur ikkonferma illi xahrejn wara li twahhal, l-istess bieb beda jitbewwaq u jitghawweg tant illi l-bieb seta' jigi ssussat, u dan kif indikat f' Dok JD1 sa Dok JD6. Illi peress illi l-bieb hu iqsar min-naha t'isfel, jidhol l-ilma minn hemm, tant illi l-attur kellu jaghmel targa ta' wara l-bieb taqleb ghal barra sabiex il-*garage* ma jeriqx bl-ilma. Illi finalment, l-attur ukoll jirrileva zball fuq l-istima (esebita Dok JD7) illi kienet tatu s-socjeta` konvenuta, u dan peress illi kienet saret referenza ghall-kulur kannella tas-*sectional door* li kien jiswa tlett mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm395) minn flok il-veru kulur abjad li kien fil-verita` jiswa tlett mija u hamsin Lira Maltin (Lm 350). Annessa ukoll ma' l-affidavit kien hemm ukoll stima ta' kumpanija ohra (esebita Dok JD8) li turi bieb simili bil-VAT inkluza ghall-prezz ta' tmien mija u hamsin Lira Maltin (Lm850).

Ra l-affidavit ta' **Kenneth Darmanin**, direttur tas-socjeta` konvenuta u li maghha annetta:

1. Dok U1 konsistenti f'fattura mahruga mis-socjeta' konvenuta fl-4 ta' Jannar 2005;

2. Dok U2, konsistenti f'*invoice* datata 14 ta' Lulju 2005.

Illi l-istess xhud ikkonferma li l-attur kien hallas is-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) meta twahhal il-bieb u hu stess kien qabel mal-fattura meta kien ra l-bibien immuntati fil-*workshop.*

Illi l-istess xhud qal ukoll illi l-attur ma kienx qal li l-bieb kellu xi difett jew ma kienx skond is-*sample* pero` ried biss illi s-socjeta` konvenuta trahhasslu minhabba f'dik ir-raguni. Inoltre, l-attur fadallu jhallas is-somma ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm 144) rapresentatni VAT fuq l-istess bieb.
Illi fil-kontro-ezami tieghu, ix-xhud ikkonferma illi l-attur qatt ma kien ilmenta fuq l-gholi tal-bieb u inoltre, hu ikkonferma li kien jaf bil-ftehim li kien sar bejn Mark Darmanin u l-attur rigward il-fatt illi r-*raff* joghola. Finalment, hu stqarr illi l-attur qatt ma qallu sabiex imur jara l-hsara li kien hemm fuq il-bieb, salv id-*dent* fuq il-firrolli, u ghalhekk, l-ilmenti attrici qatt ma kienu ingiebu a konjizzjoni tieghu.
Illi finalment hu jichad ukoll illi l-attur kien inghata s-somma ta' mija erbgha u erbghin lira Maltin bhala *discount.*

Ra l-affidavit ta' **Mark Darmanin,** prodott mill-konvenut fejn ikkonferma s-sustanza tax-xhieda ta' huh, u cioe` Kenneth Darmanin. Inoltre, l-istess xhud ikkonferma ukoll illi kien ftehim ma' l-attur sabiex jaghmlulu l-bieb ghal prezz ta' tmien mitt lira Maltin (Lm 800) eskluzi l-VAT u dan hekk kif indikat b'ittri kbar f'Dok JD7 u jsir kulur abjad bl-*insulation* gol-bieb. Illi jikkonferma ukoll illi rigward l-gholi tal-bieb, dan kien sar hekk kif kien xtaq l-attur li kien qal li l-importanti li jidhol il-van li ghandu u ma kien semma l-ebda truck mghobbi gol-*garage.*

Illi fil-kontro-ezami tieghu, l-istess xhud ikkonferma illi x-xoghol sar skond il-ftehim illi kienu waslu ghalih u inoltre, ikkonferma illi biex dahal il-bieb tat-tmien (8) piedi u nofs, l-attur kellu jgholli r-*raft* ftit 'l fuq.

B’sentenza moghtijja nhar is-7 ta’ Mejju 2007, it-Tribunal cahad it-talba attrici u laqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta ghall-istess talba filwaqt illi laqa` wkoll it-talba rikonvenzjonali u kkundanna lill-atturi jhallsu lis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ mija u erbgha u erbghin Liri Maltin (Lm144) ghar-raguni msemmija fil-kontro-talba, bl-imghax mid-data tat-13 ta’ Marzu 2006.

Illi fil-25 ta’ Mejju 2007 l-atturi intavolaw **appell** fil-Qorti ta’ l-Appell.

Illi l-Qorti ta’ l-Appell, laqghet l-appell u konsegwentement l-atti gew rimandati lura lit-Tribunal biex *dan jistharreg u jiddeciedi jekk fuq il-bazi tal-provi attendibbli jezistux fil-konkret l-estremi ta’ fatt relattivi ghall-mankanza dedota tal-kwalita` fil-bieb kompravendut.* Fi kliem il-Qorti ta’ l-Appell, *it-Tribunal ghandu jiddetermina jekk tabilhaqq, kif allegat, kienx hemm dak in-nuqqas ta’ kwalita` tal-bieb ghal dawk l-attributi tieghu esprimenti l-funzjonalita`, l-utilita` u pregju tieghu. In partikolari irid jigi accertat jekk il-bieb ikkonsenjat u mwahhal in situ kellux id-differenzi u difformalijiet fih, senjalati mill-atturi, meta mqabbla mal-kampjun. Prova din illi kienet taggrava dejjem fuq l-atturi li kellhom juru bhala stat ta’ fatt u ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal illi l-bieb tassew ma kellux fih il-karatteristici rikjesti u rizultanti mill-kampjun jew, xort’ohra, ma kellux il-kwalitajiet essenzjali mweghda.*

Ra d-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet illi ma kellhomx oggezzjoni illi l-kawza tigi deciza mit-Tribunal kif compost.

Ra l-**verbal** tal-5 ta’ Mejju 2009 fejn l-atturi talbu sabiex jinhatar persuna fit-Tribunal sabiex tezamina l-bieb tal-*garage*, liema talba giet oppunta mill-konvenuti minhabba li (1) il-provi huma maghluqa, (2) ghaliex ikunu ghaddew diversi snin mill-istallazzjoni tal-*garage* u b’hekk l-istat tal-bieb illum hu irrelevant, u (3) it-Tribunal gie mitlub mill-Qorti ta’ l-Appell jiddeciedi jekk il-punti ta’ fatt gia` migjuba quddiemha jikkonfigurawx fi stat legali partikolari, u (4) apparti spejjez zejda li dan it-tribunal jridu jevitaw.

Illi fil-11 ta’ Gunju 2009, it-Tribunal ta’ provvediment dwar it-talba ta’ l-atturi ghall-hatra ta’ persuna biex tezamina l-bieb tal-*garage* li hu mertu tal-kaz fejn cahad it-talba attrici minhabba li l-provi li kellhom iressqu l-atturi in sostenn tat-talba taghhom ghamlihom fl-istadju aktar bikri tal-kawza.

Ikkunsidra :

Illi kif dirett jaghmel mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, dan it-Tribunal irid jara u jevalwa, mill-provi li ghandu quddiemu, *jezistux fil-konkret l-estremi ta’ fatt relattivi ghall-mankanza dedota tal-kwalita` fil-bieb kompravendut. It-Tribunal ghandu jiddetermina jekk tabilhaqq, kif allegat, kienx hemm dak in-nuqqas ta’ kwalita` tal-bieb ghal dawk l-attributi tieghu esprimenti l-funzjonalita`, l-utilita` u pregju tieghu. In partikolari irid jigi accertat jekk il-bieb ikkonsenjat u mwahhal in situ kellux id-differenzi u difformalijiet fih, senjalati mill-atturi, meta mqabbla mal-kampjun. Prova din illi kienet taggrava dejjem fuq l-atturi li kellhom juru bhala stat ta’ fatt u ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal illi l-bieb tassew ma kellux fih il-karatteristici rikjesti u rizultanti mill-kampjun jew, xort’ohra, ma kellux il-kwalitajiet essenzjali mweghda.*

It-Tribunal ikkunsidra :

1) Illi l-istima ghax-xoghol tal-bieb inharget fl-4 ta’ Jannar 2005, (Quotation 4107) u d-deskrizzjoni li hemmek tirrizulta hija dik ta’ “*sect. door white w/serv. door, motor and fanlight*” – ghall-prezz ta’ Lm944 inkluz mill-VAT.

2) Illi bl-istess referenza tal-quotation 4107 inharrget il-fattura fit-28 ta’ Lulju 2005, meta jidher illi gie installat il-bieb in kwistjoni.

3) Illi l-attur ighid illi l-bieb kellu jitwahhal f’Marzu 2005 – izda dan ma’ jirrizultax mill-quotation u ma tirrizultax esebita xi order form.

4) L-attur jesebixxi numru ta’ ritratti li ighid u jsostni li jevidenzjaw id-difetti li ghandu l-bieb. Forsi wiehed jista` jargumenta xi prova ahjar jista` wiehed igib minn ritratt li

juri fattwalment x'hemm. It-Tribunal iqis pero` f'dan il-kaz, mhux biss illi r-ritratti mhumiex cari ghal kollox, izda ukoll illi certifikat peritali kien ikun deskrizzjoni forsi anke ahjar tal-allegat hsara u difetti, tal-prova li kellhom igibu l-atturi. Dan naqsu milli jaghmluh – u fuq kollox, mir-ritratti wahedhom, it-Tribunal ma jsibx konfort jasal ghad-decizjoni illi l-bieb installat mis-socjeta` konvenuta *ma kellux fih il-karatteristici rikjesti u rizultanti mill-kampjun jew, xort'ohra, ma kellux il-kwalitajiet essenzjali mweghda.*

5) Dwar l-ilmenti u d-difetti li l-atturi jallegaw illi ghandu l-bieb, il-konvenuti ighidu illi l-atturi bdew jilmentaw biss wara illi sabu lil haddiehor li xtara l-bieb bi prezz orhos. Jghidu ukoll illi l-atturi qatt ma lmentaw maghhom u l-ilmenti bdew gejjin biss wara li l-atturi sabu prezzijiet orhos. Di piu`, Kenneth Darmanin xehed fit-tul fuq l-ilmenti tal-atturi u ighid fost ohrajn illi l-atturi kienu anke hadu sample qabel ma ghamlu l-ordni, illi l-atturi qatt ma lmentaw fuq il-bieb u li l-bieb twahhal skond il-ftehim. Jghid ukoll Kenneth Darmanin illi l-attur kien anke gholla r-raff tieghu fil-garage u li meta twahhal l-bieb, l-van tal-istess attur kien fil-garage. Finalment ighid illi l-uniku hsara fil-bieb kienu dents fejn twahhlu l-firolli, izda dawn gew irrangati.

6) Illi filwaqt illi kif tghid l-istess Qorti ta' l-Appell, kellhom ikunu l-atturi li jippruvaw il-kaz taghhom – it-Tribunal iqis illi s-socjeta` konvenuta ressqet provi aktar konvincenti ghall-kaz taghha milli ghamlu l-atturi sabiex jippruvaw il-kaz taghhom.

7) Kif stabbilit anke mill-Qorti ta' l-Appell, ma jidhirx illi hemm diffikulta` illi t-Tribunal jikkonkludi li s-somma rikjesta mis-socjeta` konvenuta fil-kontro-talba taghha tirrappresenta l-VAT fuq il-prezz tal-bieb miftiehem, Dan stabbilit ghalhekk – ma jidhirx lanqas illi hemm diffikulta` illi jigi dikjarat illi l-prezz mhallas mill-atturi stess u liema prezz illum qed jintalab ir-rifuzjoni tieghu in effetti kien il-prezz miftiehem bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk mill-provi kollha prodotti u mill-ezami u evalwazzjoni tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal jasal biex

jikkonkludi illi l-atturi ma rnexxilhom jipprovaw l-kaz taghhom fil-grad li trid il-ligi – u t-Tribunal mhux konvint illi l-bieb in kwistjoni *ma kellux fih il-karatteristici rikjesti u rizultanti mill-kampjun jew, xort'ohra, ma kellux il-kwalitajiet essenzjali mweghda*. It-Tribunal iqis il-provi li ressqet s-socjeta` konvenuta bhala aktar kredibbli u konvincenti. L-atturi strahu biss u limitatament fuq l-affidavit tal-attur u d-dokumenti minnu esebiti. Minn naha taghha, is-socjeta` konvenuta ressqet numru ta' xhieda, liema xhieda fuq kollox kienu aktar konvincenti f'dak li qalu u l-versjoni minnhom moghtija jidher illi kienet aktar verosimili.

Lanqas ma jidher li gie kkontestat dak li xehed Mark Darmanin, direttur tas-socjeta` konventa, ossia illi biss wara ftit gimghat kien mar ghandu l-attur jitlob ir-rifuzjoni peress illi kien sab prezz irhas mit-Trade Fair. It-Tribunal mhux ghalhekk jeskludi, mill-provi kollha prodotti, illi l-atturi effettivament riedu r-rifuzjoni tal-prezz mhux ghaliex il-bieb in kwistjoni *ma kellux fih il-karatteristici rikjesti u rizultanti mill-kampjun jew, xort'ohra, ma kellux il-kwalitajiet essenzjali mweghda* – izda ghaliex l-atturi sabu prezzijiet orhos appena ftit gimghat biss wara l-istallazzjoni tieghu. Fatt rizultanti dan li l-atturi mkien f'dan il-process ma jinnegaw jew jikkontradixxu.

GHALDAQSTANT, ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati, u tenut kont ukoll il-parametri stabbiliti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'dawn l-odjerni proceduri, it-Tribunal, wara li evalwa l-provi kollha prodotti, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jichad it-talba attrici u jilqa` it-talba rikonvenzjonali u jikkundanna lill-atturi jhallsu lis-socjeta` konvenuta s-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€335.43) - (gja Lm144) - ghar-ragunijiet msemmija fil-kontro-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------